MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 55/2005

**George u Mikelina konjugi Refalo**

**vs**

**Water Services Corporation**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba:

"Ghid inti socjeta' konvenuta ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat tirrifondi lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm185.79c) rapprezentanti ammont illi l-attur hallas fuq il-kont numru 987285550-8 illi jservi Barbarella Flat 5, Lejn Marsalforn, Xaghra "under protest" u meta l-istess ammont kien qiegheq jigi mitlub minghand l-atturi minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u b'theddida illi jekk il-kont ma jithallasx is-servizz tal-ilma u dawl ghall-flat de quo ser jigi sospiz.

Dan bl-interessi fuq l-ammont dovut b'effett mid-data ta' meta l-attur zborsa dawn il-flus sad-data tal-effettiva restituzzjoni.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Mejju 2005 kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta li tghid hekk:

" 1. L-ammont de quo kien dovut mill-attur George Refalo, stante li hu kien il-konsumatur registrat mal-Korporazzjoni eccipjenti.

2. Ghlahekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-Korporazzjoni attrici tramite l-persuna li tinkarika sabiex taqra l-kontijiet ta' dawl u ilma ossia l-*meter reader* hadet zball billi addebitat terza persuna bil-kont li suppost kellu jigi akkreditat lill-atturi, f'perjodu meta dawn kienu krew il-flat li tieghu kellu jithallas l-istess kont lil persuna li kienet temporanjament Malta fuq xoghol. L-atturi kellhom il-kont tad-dawl u ilma f'isimhom u kienu jiksbu rifuzjoni minghand l-inkwlini taghhom. Meta ndunat bl-izball, il-Korporazzjoni addossat il-kont fuq l-atturi li ma setghux jiksbu rifuzjoni tieghu billi l-inkwilin taghhom kien allura siefer. L-atturi hallsu l-kont taht protesta biex ma jinqatghalhomx is-servizz ta' dawl u ilma izda ghamlu din il-kawza sabiex jitolbu r-rifuzjoni tal-flus li hargu.

Illi fl-esekuzzjoni tal-kuntratti trid tintuza d-diligenza tal-bonuspaterfamilias, u n-nuqqas ta' tali diligenza inissel l-obbligu tal-hlas tad-danni konsegwenzjali. Ghalhekk il-Korporazzjoni hija obbligata thallas ghall-hsara li batew l-

atturi minhabba n-nuqqas tad-debita diligenza tal-impjegat taghha li qara meter b'iehor bil-konsegwenza li kien hemm zball fil-kontijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallashom is-somma ta' LM185.79c ammont minnhom imhallas indebitament fuq il-kont numru 987285550-8 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-05.05.2005 a kariku tal-istess Korporazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------